# Mastru Xand



**minn Daniel Mangion**



Kienu ħafna dawk in-nies li s-sena li għaddiet, propju fl-20 ta' Awwissu, waqfu sabiex jaraw lil San Pawl ta' Ħal Safi lura mir-restawr. Wieħed minnhom kont jien. Tassew bqajt mistgħaġeb bil-ġmiel u d-dettall ta' din il-vara wara l-konservazzjoni tagħha. Dort lejn ħabib tiegħi li kien ħdejja u għedtlu, "xi ġmiel ta' vara din". Hu fil-pront weġibni, "Dik ta' Mastru Xand ta". Imma dan Mastru Xand min hu?

Xandru Farrugia twieled iż-Żejtun nhar it-2 ta' Frar 1791. Il-ġenituri tiegħu kienu Ġużeppi u Duminka Farrugia. Huwa ġie mgħammed fil-parroċċa taż-Żejtun probabbilment fl-istess ġurnata tat-twelid tiegħu skont id-drawwiet ta' dawk iż-żminijiet. Kien mgħallem l-arti tal-iskultura mill-iskultur magħruf Malti Mariano Gerada. Huwa żżewweġ nhar it-8 ta' Novembru 1814 lil Marianna, armla minn Giuseppe Zahra u kienu joqogħdu ż-Żejtun. Huma kellhom tlett itfal li kienu Mikiel, li twieled fis-sena 1815, Columba Rosa, li twieldet fis-sena 1817, u Giovanni, li twieled fis-sena 1819. L-ewwel żewġ ulied mietu fis-sena 1822 meta kien għad kellhom biss seba' u ħames snin rispettivament. It-tifel iż-żgħir, Giovanni, kien ħa s-sengħa ta' missieru, tant li eventwalment bdew isejħulu Mastru Ġann.

Xandru Farrugia huwa magħruf għal bosta xogħlijiet ta' skultura. Fosthom insibu lil Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien li nħadmet fis-sena 1829, u li kienet idaħħlet fir-raħal ta' Ħal Tarxien ġimgħa qabel il-festa. Barra dan hemm ukoll l-istatwa ta' Marija Assunta tal-Imqabba li kellha tkun maħduma fuq dik ta' Ħal Għaxaq li hija maħduma mill-imgħallem tiegħu Marjanu Gerada.

Fl-1840, insibu espress fuq xogħol Barokk l-istatwa ta' San Pawl f'Ħal Safi. L-istil tiegħu normalment huwa attribwit max-xogħol li Melchiorre Gafà kien għamel fuq l-istatwa ta' San Pawl fil-Belt Valletta. Insibu wkoll statwa ta' San Mikiel fil-knisja ta' San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex li kienet inħadmet fis-sena 1819. Din inħadmet b'xebh lejn San Mikiel maħdum mill-imgħallem tiegħu Marjanu Gerada u li tinsab fil-knisja parrokkjali ta' Bormla. Din l-istatwa saret fis-sena 1819. Oriġinarjament kienet inħadmet għall-knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi iżda minħabba diżgwid intern fil-konfraternità ta' San Mikiel f'Ħal Qormi din kienet inbiegħet fis-sena 1866.

Biċċa xogħol oħra ta' Xandru Farrugia li nistgħu narawha fiż-Żejtun hija l-Marbut li kien ħadmu f'erba' xhur biss. Barra dawn, Mastru Xand ħadem Bambin mimdud fuq ġenbu, li nsibuh fuq l-artal tar-rużarju fil-knisja arċipretali taż-Żejtun.

Mastru Xand kien devot kbir tal-Madonna. Xhieda ta' dan huwa n-numru kbir ta' statwi Marjani li ħadem tul ħajtu. Fost dawn ix-xogħlijiet fl-injam u l-kartapesta nsibu l-Madonna tar-Rużarju u l-Madonna tal-Għajnuna f'Ħal Għaxaq; insibu Duluri meqjuma fil-knisja ta' Ħal Għaxaq; oħra fil-knisja tax-Xagħra Għawdex; Madonna tal-Grazzja għall-Kappuċċini fir-Rabat Għawdex; Madonna tal-Karmnu fl-Għarb; u Madonna tal-Karità fl-Isla. Ħadem ukoll Kunċizzjoni għall-knisja ta' Ġieżu fil-Belt Valletta u Kunċizzjoni oħra għall-knisja tal-Birgu fl-1838.

Imma apparti vari, Mastru Xand għamel diversi affarijiet oħra għall-knejjes, fosthom sett gandlieri ta' tmintax għall-knisja ta' Santa Tereża tal-Karmelitani f'Bormla, li saru fl-1841. Din il-knisja tippossjedi wkoll il-korp ta' Kristu Mejjet tal-istess Xandru Farrugia.

Xogħlijiet oħra ta' Mastru Xand jinsabu barra minn xtutna. F'Tunis hemm Ecce Homo li kien inħadem fis-sena 1839, filwaqt li f'Jerba ġewwa t-Tuneżija nsibu Ecce Homo ieħor u Duluri li kienu ntbagħtu minn Malta fis-sena 1855. F'Lixandra, l-Eġittu, insibu statwa oħra tiegħu li kienet inħadmet fis-sena 1851.

Xandru Farrugia miet nhar l-4 ta' Diċembru 1871, fl-għomor ta' 82 sena. Il-funeral tiegħu sar ġewwa ż-Żejtun u ġie midfun fil-kripta ta' taħt l-oratorju tas-Santissimu Sagrament taż-Żejtun.

Xandru Farrugia kien, għadu, u jibqa' magħruf bħala wieħed mill-aqwa skulturi li din l-art gżira qatt ipproduċiet, u l-Ħal Safin tassew għandhom ikunu kburin li fil-knisja tagħhom tinsab waħda mill-aqwa biċċiet xogħol tiegħu.

Festa kbira ta' kull sena lil San Pawl niċċelebraw;
Nimxu dejjem fuq li għallem biex il-Fidi nissudaw.



Każin Banda San Pawl